MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 147/2008

**Lawrence Tabone K.I. 303669(M)**

**Vs**

**Jacqueline Schembri K.I. 83583(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mija u tnejn u sittin euro u ghoxrin centezmu (€662.20) - (Lm284.28) bhala bilanc minn somma akbar ta' xoghol ta' l-elettriku u *plumbing* li sar mill-attur Lawrence Tabone fil-fond tal-konvenuta Jacqueline Schembri fi Blue Bell, Triq San Patrizju, Hal Bajada wara r-Rabat (Malta). Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, nkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' Settembru, 2007 u tal-ittra ufficjali tal-25 t'Ottubru, 2007 li tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-ragunijet segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipprezenta rendikont tal-pagamenti li saru lilu mill-konvenuta.

2. Illi x-xoghlijiet lanqas biss gew kompletati mill-attur u hafna mix-xoghol li ghamel ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont miftiehem bejn il-partijiet kien t'elf, mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,234.57) - (Lm530) li minnhom l-attur thallas tmien mija u hmistax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) - (Lm350) u ghaldaqstant *se mai* l-ammont dovut huwa t'erba' mija u dsatax-il euro u disgha u ghoxrin centezmu (€419.29) - (Lm180).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. B'riserva ghal kwalsijasi azzjoni spettanti lill-esponenti kontra l-attur ghad-danni.

Sema' x-xhieda ta' Lawrence Tabone, Jacqueline Demanuele (nee Schembri) u Joseph Schembri u l-Perit David Vassallo.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Carmelo Grima ghall-attur u Dr Stefan Camilleri ghall-konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta u l-*boyfriend* taghha (illum ir-ragel taghha) Miguel Demanuele kienu xtraw post *in semi-shell state* u kienu nkarigaw lill-attur sabiex jaghmel ix-xoghlijiet ta' *plumbing* u elettriku fl-istess post u dan anke billi huma riedu jaghmlu xi tibdiliet interni fl-istess post li necessitaw dawn ix-xoghlijiet ulterjuri.

Qabel ma gie inkarigat l-attur, il-konvenuta u missierha kienu gabu stimi minn nies ohrajn izda l-prezzijiet li gew kwotati kienu aktar gholjin u eventwalment kienu kellmu lill-attur sabiex jara jintrigax bix-xoghol u hu kien accetta u kien tahom stima t'elf u wiehed euro u tlieta u sittin centezmu (€1001.63) - (Lm430).

Ma kienx hemm zmien pattwit sabiex jitlesta x-xoghol u l-konvenuta kienet taf illi l-attur kien ser jaghmel dan ix-xoghol fuq bazi ta' *part-time*. Dak iz-zmien il-fond kien ghadu fi stat ta' *semi-shell* u flok bieb normali kellu bieb tal-hadid fuq barra u ghalhekk il-konvenuta kienet anke taghtu cavetta biex huwa jkun jista' jmur jaghmel ix-xoghol ghall-kumdita' tieghu.

Effettivament l-attur beda jaghmel ix-xoghol u *man man* max-xoghol imbaghad il-konvenuta ziedet ix-xoghlijiet minn dak li kienet qaltlu fil-bidu u maghhom ziedet xi xoghlijiet addizzjonali. Il-konvenuta ssostni illi ghal dawn ix-xoghlijiet addizzjonali kienu ftiehmu prezz ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) - (Lm100) izda l-attur ighid illi effettivament ghax-xoghlijiet addizzjonali ma kienx hemm prezz patwit. Di fatti f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob bilanc ta' sitt mija u tnejn u sittin euro u ghoxrin centezmu (€662.20) - (Lm284.28) u jekk wiehed jiehu kont tmien mija u hmistax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) - (Lm350) li kienu tawh waqt li qed isir ix-xoghol dan jigi l-valur komplessiv t'elf, erba' mija u sebgha u sebghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€1,477.48) - (Lm634.28) jigifieri mitejn u tnejn u erbghin euro u wiehed u disghin centezmu (€242.91) - (Lm104.28) aktar milli qed tghid il-konvenuta.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal li kellu opportunita' li jisma' liz-zewg partijiet *viva voce*, jemmen li fil-fatt il-prezz verament patwit bejn il-partijiet kien ta' t'elf, mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,234.57) - (Lm530) u mhux t'elf, erba' mija u sebgha u sebghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€1,477.48) - (Lm634.28) kif qed jippretendi l-attur. Jidher evidenti mix-xhieda tal-konvenuta illi hija kienet dejjem konxja tal-ispiza li sejra tinkorri u fil-fatt hija kienet saqsiet lill-attur kemm kien ser

jiswewla dawn ix-xoghlijiet addizzjonali proprju minhabba f'hekk. Kieku sar ix-xoghol kollu u dan kien kollu tajjeb it-Tribunal jemmen li probabbilment haddiehor kien jiccarjga hafna iktar minn kemm kien qed jiccargja l-attur. M'hemmx dubju li x-xoghol kien impenjattiv izda mill-banda l-ohra it-Tribunal huwa sodisfatt li l-prezz komplessiv miftiehem kien t'elf, mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,234.57) - (Lm530) – anke jekk fil-fatt huwa probabbli li l-prezz tas-suq kien oghla minnhekk. Dan l-aspett ser ikollu rifless fuq dak li ser jinghad aktar 'l quddiem dwar it-tnaqqis.

Il-veru kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-fatt illi l-konvenuta ssostni illi x-xoghol li intriga ghalih l-attur ma tlestix u fil-fatt kien hemm xi xoghol li sar hazin u xoghol iehor li kien ghadu ma sarx u dan kif hemm indikat fil-lista Dok DV ikkonfermata bil-gurament mill-Perit David Vassallo.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi kif prodotti, u mill-hames items li l-Perit jindika bhala xoghol difettuz, tnejn biss huma imputabbli ghall-attur fis-sens illi kien hemm il-wc li ma kienx installat sew u l-bidet kien qieghed jillikja. Dwar id-dijametru tad-*drain pipes* fil-kcina, it-Tribunal huwa sodisfatt bl-ispjegazzjoni li ta l-istess attur u ghar-rigward tal-hsara allegata fil-*water heater* it-Tribunal jidhirlu li m'hemmx provi sufficjenti li dan jezisti u li dan huwa imputabbli ghall-istess attur u ghar-rigward tal-installazzjoni tal-*wiring* ma gewx prodotti provi sufficjenti dwar dan in-nuqqas.

Ghar-rigward tax-xoghlijiet li ma sarux, l-attur isostni illi certu xoghlijiet ma setax jaghmilhom billi l-kcina ma kinitx ghadha installata – dan huwa kumment validu u jsostni wkoll li fil-fatt huwa ghamel parti minnhom.

Fid-dawl tal-premess, certament, it-Tribunal ikollhu juza d-diskrezzjoni ekwitattiv tieghu biex jipprova jasal ghal xi forma ta' konkluzzjoni u dan partikolarment billi l-konvenuta ssostni illi sabiex jitlestew ix-xoghlijiet kollha kif ridithom hi kellha tintriga ma xi hadd iehor u dahlet fi spiza addizzjonali.

Mill-ammont proprjament dovut kieku l-attur ghamel ix-xoghlijiet kollha, kien jifdal bilanc t'erba' mija u dsatax-il euro u disgha u ghoxrin centezmu (€419.29) - (Lm180) izda l-konvenuta ssostni illi nefqet din is-somma ekwivalenti sabiex tirranga l-problemi li halla warajh l-attur. It-Tribunal mhuwiex sodisfatt li dan l-ammont verament jirrifletti din l-ispiza u certament meta wiehed iqies illi l-attur ghamel il-parti sostanzjali tax-xoghlijiet in kwistjoni liema xoghlijiet, kif anke spjega l-attur dettaljatament kienu jinvolvuh f'certu xoghol u li hadulu medda ta' zmien sostanzjali, jikkalkula illi riduzzjoni ta' ghaxra fil-mija (10%) mill-kont ta' t'elf, mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,234.57) - (Lm530) ghandu jkun sodisfacenti u dan anke fid-dawl ta' dak li gie spjegat aktar 'l fuq li l-prezz kwotat mill-attur ghax-xoghol huwa probabbilment inqas minn dak vigenti fis-suq.

Illi b'hekk mill-ammont t'elf, mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,234.57) - (Lm530) ghandu jkun hemm riduzzjoni ta' mija u tlieta u ghoxrin euro u sitta u erbghin centezmu (€123.46) - (Lm53) li jigi bilanc t'elf, mija u hdax-il euro u hdax-il centezmu (€1,111.11) - (Lm477) u meta wiehed inaqqas is-somma ta' tmien mija u hmistax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) - (Lm350) li gja thallas jifdal bilanc ta' mija u sebgha u ghoxrin lira maltin (Lm127) li huma ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u disghin euro u tlieta u tmenin centezmu (€295.83) li huwa ftit anqas minn nofs l-ammont mitlub mill-attur.

Din il-konkluzzjoni ghandha jkollha effett ukoll fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin euro u tlieta u tmenin centezmu (€295.83) ekwivalenti ghal mija u sebgha u ghoxrin lira maltin (Lm127). Bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------